# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tat-30 ta' Novembru 2023**

**Talba nru.282/2021**

**BERANMAR LIMITED**
**(C-20651)**

*VERSUS*

**DARREN TONNA**
**(KI 415989M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fil-11 t'Ottubru 2021, is-socjeta attrici ippremettiet illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' tlett elef sebgha mija u hamsa u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu (Eur 3,785.18) oltre imghaxijiet liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ta' vettura tat-tip Mitsubishi L200 bin-numru ta' registrazzjoni JDO519 mibjugha u konsenjata lill-konvenut. Ghaldaqstant s-socejta attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jigi dikjarat bhala debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' Eur 3,785.18 bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 1381/2021 datata 22 ta' Gunju 2021.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ressaq risposta fis-7 ta' Dicembru 2021 fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-vettura ma nbieghetx skond it-termini u l-kundizzjonijiet specifikati fil-kuntratt tal-bejgh izda b'ammont ta' problemi u ghaldaqsgtant t-talba attrici mhux gustifikata.

Ra l-affidavits prezentati ta' Andrew Debono, Bernard Debono.

Sema x-xhieda ta' Darren Tonna.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra l-atti processwali.

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Xehed Andrew Debono permezz ta' affidavit illi jokkupa l-kariga ta' direttur fi hdan is-socjeta attrici, liema socjeta tiggestixxi negozju ta' xiri u bejgh ta' karozzi uzati. Ix-xhud ighid illi fl-4 ta' Gunju 2019, s-socjeta attrici bieghet vettura tat-tip Mitsubishi L200 bin-numru ta' registrazzjoni JDO519 lill-konvenut. Din il-vettura kienet ilha tnax-il sena li harget fit-triq kif kien jidher mil-log book ta' l-Ingilterra li l-konvenut kellu kopja tieghu sabiex seta jaghmel l-assikurazzjoni fuq tali vettura. Din il-vettura insaqet mill-konvenut stess minn go showroom meta inxtrat.

Ix-xhud ipprezenta kopja tal-ftehim bejn il-partijiet li juri li l-bejgh sar ghal prezz ta' Eur 9,300 li minnom thallsu Eur 4000. Il-bilanc ta' Eur 5300 kellhom jithallasu f'pagamenti ta' Eur 300 fix-xahar bl-interessi ta' 8%.

Minkejja dan il-ftehim, ix-xhud jghid illi l-pagamenti ma nzammux sa mill-ewwel gurnata u meta kienu jcemplu lill-konvenut, dan kien jitlob iktar hin. Fil-fatt l-ewwel pagament kien sar fit-28 ta' Settembru 2019. Minkejja dewmien f'kull pagament, il-konvenut qatt ma kien isemmi li kellu xi problemi bil-vettura. Wara li saru tlett pagamenti il-konvenut kien informa lis-socjeta attrici li kien ser jibda jhallas Eur 150 flok Eur 300 minhabba spejjez li kellu. Wara Jannar 2021 il-pagamenti waqfu ghal kollox.

Ix-xhud ighid illi illum il-gurnata sar jaf li l-konvenut qed jilmenta fuq xi hsarat, izda dawn qed jigu kontestati anke ghaliex il-vettura sarilha VRT test qabek giet registrata.

Bernard Debono xehed ukoll permezz ta' affidavit u jghid li jiehu hsieb is-showroom tas-socjeta attrici. Ix-xhud ighid illi l-konvenut kien tkellem mieghu fuq il-vettura li kien ghad ghandha number plates Inglizi. Il-konvenut kien sahansitra ghamel test drive fuq il-vettura fil-prezenza tax-xhud. Ix-xhud ighid illi l-konvenut kien sodisfatt bil-vettura tant illi intlahaq ftehim biex jixtriha. Il-ftehim kien gie iffirmat mix-xhud ghan-nom tas-socjeta attrici.

Ix-xhud ighid illi kien hu stess illi ha l-vettura ghal VRT test bhala parti mill-process sabiex din tkun tista tigi registrata Malta. Ghaldaqstant, ix-xhud ighid illi d-difetti imsemmija mill-konvenut ma jistax ikun li kienu ezsitenti ghaliex kieku il-vettura ma kienetx tghaddi mill-VRT test.

Fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2022 xehed il-konvenut li jghid illi xtara vettura minghand is-socjeta attrici. Il-konvenut ighid illi parti mill-ftehim kien illi s-socjeta attrici kellha taghmel xi tiswijiet zghar li kien hemm fil-vann. Il-konvenut jirreferi ghal horn, traction control, windscreen mibrux u sadid fir-running board u jghid illi kien gie imwieghed mis-socjeta attrici li dawn kienu kollha ser jigu rrangati qabel isiru l-pjanci bir-registrazzjoni ta' Malta. Minkejja dan il-ftehim, il-konvenut ighid, "*Ghedtlu mela ma lhaqtx ghamilthom. Qalli hudu, qalli imbaghad nergghu indahhluh biex naghmillek l-affarijiet. U jien hadt il-vann u ma rega dahal qatt*."

Fil-kontro ezami, il-konvenut ighid li xtara l-van ghal habta ta' 2019 ghal Eur 9300. Dwar il-hsarat minkejja li kien jaf bihom, il-konvenut ighid illi dejjem afda lis-socjeta attrici u ghalhekk ma hemm

xejn rifless fil-ftehim ta' bejnietom. Il-konvenut jikkonferma illi l-van kien jehtieglu jsir VRT qabel jigi registrat. Jghid ukoll illi minn meta inxtara l-vann sa llum, il-konvenut ghamel VRT lil van. Il-konvenut ighid a Fol.52 illi matul it-test tal-VRT, ma sar l-ebda kumment jew rimarka dwar traction control, brejkijiet jew windscreen. Izda ftit tal-mumenti wara, jghid illi huwa ma hadux il-vann ghal VRT. (Fol.53). A fol. 54 u mistoqsi direttament minn dan it-Tribunal jekk kienx ha l-vann ghat-test tal-VRT, il-konvenut ighid li ma jiftakarx.

Ikkunsidra

Illi din it-talba tirrigwarda bilanc fuq bejgh ta' vettura li s-socjeta attrici ghamlet a favur il-konvenut ghall-prezz ta' Eur9300 li minnom saru diversi pagamenti izda baqa bilanc mhux imhallas li jammonta ghal Eur 3758.18. Il-konvenut ighid illi dan il-bilanc ma thallasx minhabba illi hemm diversi hsarat fil-vettura mixtrija illi kellhom jigi msewwija mis-socjetat attrici u dawn il-hsarat baqghu qatt ma gew irrangati.

Illi ma hemm l-ebda dubju illi kien hemm trasferiment ta' din il-vettura mis-socjeta attrici lill-konvenut. L-unika kontestazzjoni li tezisti bejn il-partijiet hija dwar il-bilanc li baqa jithallas mill-ammont totali miftiehem bejn il-partijiet li jinsab a Fol.17. Lanqas huwa kontestat illi ghad baqa bilanc minn dak miftiehem, ghaliex il-konvenut jammetti li ghad baqa hlas dovut izda jiggustifika dan in-nuqqas ghal fatt illi s-socjeta attrici ma onoratx l-obbligi taghha li taghmel tistwijiet li kien hemm bzonn fuq l-imsemmija vettura.

Illi mill-atti processwali, huwa car illi l-konvenut ma kkontestax l-ammont pretiz mis-socjeta attrici u cioe ta' Eur 3758.18. Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija fis-sens li ma jhossx li ghandu jhallas kwalunkwe bilanc minhabba d-difetti li kellha l-vettura.

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tieghu, dan it-Tribunal jinnota illi l-konvenut meta mar biex jinnegozzja fuq din il-vettura, kien sahansitra mar *test drive*. Minbarra dan, meta iffirma l-ftehim ta' dak li thallas, ta' dak li kien ghad irid jithallas u kif ser jithallas, fl-ebda hin ma gie miftiehem illi s-socjeta attrici kellha xi obbligazzjonijiet ohra versu l-konvenut.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi galdarba l-konvenut ikkonferma illi d-difetti li qed jallega li kellhom jigu rrangati mis-socjeta attrici kienu evidenti anke fil-hin tat-transazzjoni, kien fl-interess tieghu illi tali allegati obbligazzjonijiet kellhom jitnizzlu fil-ftehim. Dan it-Tribunal isibha difficli biex jemmen illi l-konvenut hallas depozitu ta' Eur 4000 u baqa jhallas pagamenti meta kien jaf li l-vettura kellha dawk il-hsarat kollha. Dan iwassal ukoll sabiex it-Tribunal jikkonkludi li ma kien hemm l-ebda difett mohbi ghaliex il-konvenut b'mod car jikkonferma li kien jaf kemm bil-windscreen, bit-traction control u bil-horn.

Illi di piu, t-Tribunal lanqas jista jikkunsidra l-verzjoni tal-konvenut bhala kredibbli u dan a bazi tal-verzjonijiet differenti illi ta quddiem dan it-Tribunal f'temp ta' ftit minuti meta l-ewwel ighid illi huwa ha l-vettura ghat-test tal-VRT, imbad li ma marx u ftit wara li ma jiftakarx. It-Tribunal stieden lill-konvenut sabiex jikkonferma dawn il-fatti f'seduti sussegwenti, izda minkejja dan, ma waslet l-ebda prova.

Illi mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal, ma hemm xejn ta' konfort sabiex jissostanzja dak li qed jeccepixxi l-konvenut – u cioe illi s-socjeta attrici ma kkonsenjatx il-vettura bil-kwalita pattwita. Kif ga inghad iktar il fuq, il-konvenut kien a konoxxenza tal-horn, traction control u

windscreen u kemm-il darba kien hemm xi diskors dwar kif dawn kellhom jigu irrangati, dan it-Tribunal ma ra xejn in sostenn ta' tali argument.

Illi dan it-Tribunal ma jistax jaqbel ma' l-abbli difensur tal-konvenut illi l-vettura kienet affetti minn vizzju redibitorju u illi kieku l-konvenut kien jaf b'dan id-difett ma kienx jixtriha. It-Tribunal jaghmel referenza propju ghax-xhieda in ezami tal-konvenut a Fol.41 fejn ighid;

"*Imbaghad minn hemmhekk ftehmena li kellu xi naqra affarijiet, xi hsarat, biex isewwihomli*."
Mistoqsi, *"Liema vann kellu l-hsarat?"* il-konvenut iwiegeb, "*Li qed nixtri minghandu*".
Mistoqsi *"Issa tista tghidilna x kienu dawk il-hsarat jekk joghgbok?"* Il-konvenut wiegeb, *"Kellu l-bozza tat-traction control mixghula, Windscreen mibrux u xi naqra sadid go running board. Dejjem qalli li se jaghmilomli. Horn ma jdoqqx."*

Illi ghaldaqstant l-argument tal-konvenut ta' difetti latenti ma jregiex u ma jistax jitqies bhala difiza ghat-talba tas-socjeta attrici. Minbarra li x-xhieda tal-konvenut stess twaqqa din il-linja difensjonali, xorta ma jezsitux l-elementi rikjesti mil-ligi, fosthom u b'mod partikolari illi d-difett latenti ma jridx ikun apparenti.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal filwaqt li s-socjeta attriciipprezentat dokumenti u provi li juru l-ftehim li sar bejnha u l-konvenut, inkluz il-bilanc li kien beda jithallas u waqaf hesrem, il-konvenut ma ipprezenta xejn konkret u konsistenti sabiex iwassal lil dan it-Tribunal jemmen il-verzjoni tieghu.

Decide

**Ghaldaqstant**, dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici u jiddikjara lill-konvenut bhala debitur fil-konfront tas-socjeta attrici u konsegwentament jikkundannah ihallas l-ammont ta' tlet elef sebgha mija hamsa u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu, bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-22 ta' Gunju 2021 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 1381/2021 ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur